# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 2020**

**Numru 26**

**Rikors Numru 240/20TA**

**Enemalta plc (C 65836)**

**vs**

**Roberto 16 Pte Ltd ta' Singapore, sid il-bastiment Di Matteo numru IMO9426451 kif debitament rappreżentata minn Dr. Abigail Bugeja li b'digriet tas-27 ta' Mejju 2020 ġiet konfermata bħala kuratriċi deputata sabiex tirrappreżenta lis-soċjeta' konvenuta.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi tat-13 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi s-socjeta attrici hija sid ta' cable tal-elettriku taht il-bahar bejn Malta u Sqallija maghruf bhala ***HVAC Submarine Electrical Interconnector ("Interconnector")***.

2. Illi fil-ghodwa tat-12 ta' Dicembru 2019, kien hemm qtuh fil-provvista tad-dawl f'Malta u Ghawdex u gie stabbilit li dan sehh minhabba hsarat f'dan l-Inteconnector.

3. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-post preciz tal-hsara gie identifikat u determinat.

4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza gie stabbilit li din il-hsara giet ikkawzata mill-ankra tal-bastiment ***DI MATTEO***.

5. Illi dan huwa bastiment propjeta tas-socjeta intimata.

6. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kienet l-ankra ta' dan il-bastiment di Matteo li kienet qed titkaxkar ma qih il-bahar fil-fliegu bejn Malta u Sqallija waqt li d-***DI MATTEO*** kien qed jivvjaġġa mil-lvant lejn il-punent u meta din l-istess ankra qabdet l-Interconnector, gibditu u kkawzatlu hsarat kbar tant li nqata d-dawl f'Malta kif ukoll f'Ghawdex.

7. Illi s-socjeta Enemalta kellha minnufih tara kif ser taghmel tajjeb ghal dan il-qtugh fil-provvista tad-dawl, kellha taghmel stharrig dettaljat u diversi surveys sabiex tistabilixxi x'gara u bhala konsegwenza kellha tidhol fi ftehim mas-socjeta Nexans Norway AS ghat-tiswija tal-Interconnector.

8. Illi nel frattemp is-socjeta attrici ottjeniet Letter of Undertaking mill P & I Club tal-bastiment ***DI MATTEO***, kopja hawn annessa u mmarkata Dok 1.

9. Illi bhala konsegwenza ta' din il-hsara kkawzati mill-bastiment ***DI MATTEO***, l-istess socjeta rikorrenti baghtiet danni konsiderevoli.

Ghaldaqstant u in vista tal-fuq premess, tghid is-socjeta konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-hsarat li sehhew lil Interconnector nhar il-23 ta' Dicembru 2019, sehhew minhabba l-imperizja u/jew traskuragni u/jew negligenza u/jew imprudenza u/jew nuqqas ta' diligenza u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal, u mill, bastiment ***DI MATTEO*** li ghalih hija responsabbli s-socjeta' konvenuta bhala l-proprjetarja tal-bastiment.

2. Tiddikjara li ghalhekk is-socjeta' konvenuta u cioe' is-sidien tal-bastiment ***Di MATTEO*** huma responsabbli ghall-hsara u danni li gew ikkawzati bhala konsegwenza tal-hsarat li gew ikkagunati lill-Interconnector.

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici minhabba l-fuq imsemmijin hsarat lill-Interconnector jekk hemm bzonn bl-assistenza ta' periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti.

4. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk kif likwidata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Konvenuta presentata fl-4 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. ILLI preliminarjament, ir-rikors guramentat huwa null ai termini tal-Artikolu 181A(2) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li Kevin Chircop ipproceda li jahlef wahdu l-imsemmi rikors guramentat fil-kapacita' tieghu bhala Chairman tas-socjeta' Enemalta PLC meta l-Artiklu 11 tal-istatut tal-kumpanija intestat 'Legal Representation' jaghmilha cara illi tali rapprezentazzjoni hija vestita fic-*Chairman* u fuq kwalukwe direttur iehor li ghandhom jagixxu flimkien. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tan-nullita' qed titqajjem ai termini tal-Artikolu 789(1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nullita' ma tistax tigi rimedjata taht l-ebda provvediment tal-Ligi b'hekk il-kawza odjerna ghandha tigi ddikjarata nulla ai termini tal-imsemmija Artikoli. Kopja tal-istat tal-Kumpanija Enemalta PLC qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'AB1';

2. ILLI preliminarjament, il-kwistjoni odjerna ma ghandiex tigi regolata bil-ligijiet ta' Malta izda bil-ligijiet esteri ta' Singapore u dan peress illi l-incident mertu tal-kawza odjern zvolga ruhu lill hinn mit-territorju Malti u ghalhekk ma tissodisfa l-ebda mir-rekwiziti biex din l-Onorabbli Qorti ikollha gurisdizzjoni taht l-Artiklu 742(1) tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant l-esponenti *nomine* qed teccepixxi illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma` u tiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna;

3. ILLI b'mod preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-mertu tal-incident, l-eccipjenti *nomine* tinsisti illi din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti li tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna, u dana stante li tali gurisdizzjoni hija vestita fir-Repubblika ta' Singapore li hija l-bandiera tal-bastiment eccipjenti u l-post tar-registrazzjoni tas-socjeta' estera eccipjenti. Hawnhekk qed issir referenza wkoll ghall-Artiklu 741(c) tal-Kapitlu 12 tal-ligiet ta' Malta, liema Artiklu jipprovdi specifikament illi:

*"741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata: (ċ) meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."*

Dan ifisser illi l-eccezzjoni tal-inkompetenza ghandha tigi milqugha stante li s-socjeta' u l-bastiment eccipjenti bdew proceduri biex jiffurmaw *limitation fund* gewwa Singapore u dana ai termini tal-*Convention on Limitation of Liability of Maritime Claims 1976*, u li f'liema fond qed tikkonkorri s-socjeta' attrici. Di piu`, tant hemm legam mar-Repubblika ta' Singapore milli ma' pajjizna illi nel frattemp, diga' gew istitwiti proceduri ohrajn kontra s-socjeta' eccipjenti mit-*Technical Managers* tal-bastiment u dan ghaliex il-guridizzjoni li ghandha tittratta tali kwistjoni hija vestita fil-Qrati ta' Singapore u mkien aktar. Apparti minn hekk, qed titmexxa wkoll investigazzjoni mill-*Maritime and Port*

*Authority* ta' Singapore dwar l-incident odjern u dan ukoll jevidenzja kemm jezisti legam qawwi mal-gurisdizzjoni ta' Singapore milli f'Malta fejn il-proceduri investigattivi u legali qed jigu kollha istitwiti f'tali gurisdizzjoni;

4. ILLI b'mod preliminari wkoll, gialadarba l-Qrati Civili Maltin m'humiex kompetenti li jisimghu u jiddeciedu l-kawza odjerna u dana stante li m'ghandhomx gurisdizzjoni fuq tali kaz, l-eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghaliex jekk l-istess kawza titkompla Malta, l-istess azzjoni tkun wahda vessatorja, oppressiva u jew ingusta ghall-eccipjenti;\. In vista ta' dan, l-eccipjenti *nomine* umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tittratta l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni b'mod preliminari u dana stante li l-mertu tal-kaz odjern ghandu jigi trattat u deciz minn Qorti estera;

5. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant s-socjeta' u l-bastiment eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

6. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta' u l-bastiment eccipjenti jaghmlu referenza ghall-paragrafu 8 tar-rikors guramentat odjern fejn saret referenza ghal-*letter of undertaking* mahruga mill-P & I Club tal-bastiment eccipjent. F'dan ir-rigward qed jigi rilevat illi tali *Letter of Undertaking* ma missha qatt gietipprezentata u dan ghaliex l-istess *letter of undertaking* tipprovdi carament illi: *This undertaking is given without prejudice to any rights or defences of the owners of the above ship, including their right to limit liability.'* Ghaldaqstant, tali *letter of undertaking* u l-kontenut taghha ghandu jigi skartat;

7. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda responsabbilta' fuq is-socjeta' u l-bastiment eccipjenti ghal-allegat danni u dana stante li l-istess incident sehh minhabba nuqqasijiet u ommissjonijiet da parti tas-socjeta' attrici u jew tas-socjetajiet li hija ngaggat biex jippozizzjonaw tali *interconnector*. Ghaldaqstant ukoll, it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha;

8. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u a kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors odjern, l-incident *de quo* kien kawzat unikament minhabba tort u jew htija u jew negligenza u jew imperizja u jew nuqqas ta' imprudenza u jew nuqqas ta' diligenza tas-socjeta' attrici u jew tas-socjetajiet li hija ngaggat biex jippozizzjonaw tali *interconnector* u minhabba f'hekk ghandu jigi applikat il-principju mnizzel fl-Artikolu 1031 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista ta' dan, it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

9. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' u l-bastiment eccipjenti qeghdin wkoll jikkontestaw l-effett tal-incident u d-danni illi allegatament garrbet is-socjeta' attrici in segwitu ta' dan l-inċident, u

għaldaqstant is-socjeta' attrici ghandha tressaq **kull prova valida skond il-liġi** sabiex tipprova:

a. Il-Kawzalita' bejn il-bastiment u l-hsarat li garrab l-*interconnector* nhar it-23 ta' Dicembru 2019;

b. Il-Kawżalità bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-allegat danni sofferti mis-socjeta' attrici; u

c. Id-danni li allegatament soffriet is-socjeta' attrici in segwitu ta' dan l-inċident.

10. ILLI d-danni pretiżi mis-socjeta' attrici huma wkoll ikkontestati, u s-socjeta' attrici għandha tressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex tipprova t-telf illi allegatament soffriet in segwitu ta' dan l-inċident;

11. ILLI f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti ssib xi responsabbilita` fil-konfront tal-bastiment u s-socjeta' eccipjenti, d-danni reklamati mill-attur huma limitati skond il-ligi, precizament skond il-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan skond kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi."

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2020 il-partijiet talbu li tkun deċiża l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda presentata fil-kors ta' dawn il-proċeduri;

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2020 wara l-esebizzjoni ta' ċertu dokumenti, is-Soċjeta' Konvenuta nsistiet li għandu jkun hemm Sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni minnha mogħtija.

Rat li f'dik is-seduta l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta bil-fakolta' ta' noti ta' osservazzjonijiet mill-partijiet.

## Punt ta' Liġi

**1.** L-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta hija din:

> "ILLI preliminarjament, ir-rikors guramentat huwa null ai termini tal-Artikolu 181A(2) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li Kevin Chircop ipproceda li jahlef wahdu l-imsemmi rikors guramentat fil-kapacita' tieghu bhala Chairman tas-socjeta' Enemalta PLC meta l-Artiklu 11 tal-istatut tal-kumpanija intestat 'Legal Representation' jaghmilha cara illi tali rapprezentazzjoni hija vestita fic-*Chairman* u fuq kwalukwe direttur iehor li ghandhom jagixxu flimkien. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tan-nullita' qed titqajjem ai termini tal-Artikolu 789(1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nullita' ma tistax tigi rimedjata taht l-ebda provvediment tal-Ligi b'hekk il-kawza odjerna ghandha tigi ddikjarata nulla ai termini tal-imsemmija Artikoli. Kopja tal-istat tal-Kumpanija Enemalta PLC qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'AB1'."

**2.** Apparti l-artikoli speċifikament imsemmija fl-eċċezzjoni nnifsiha, fil-parti konkludenti tagħha tan-nota ta' osservazzjonijiet tkompli ssostni l-posizzjoni tagħha dwar in-nullita' tar-rikors ġuramentat, billi tgħid ukoll li li kien hemm nuqqasijiet mis-Soċjeta' Attriċi billi naqset li tosserva l-artikoli 136, 137 , 147 , u 401(2) tal-Kap 386 tal-ligijiet ta' Malta (ara a' fol 121).

**3.** Dak li qed titlob is-Soċjeta' Konvenuta hija konsegwentement il-liberazzjoni tagħha mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex prinċipalment is-Soċjeta' Attriċi ma irrispettatx l-istess artikoli tal-istatut u artikoli tal-kostituzzjoni tagħha meta r-rikors ġuramentat ġie maħluf minn Kevin Chircop waħdu fil-kwalita' tiegħu ta' Chairman tas-Soċjeta' Attriċi.

## Konsiderazzjonijiet

**4.** Il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda u dokumenti mressqa fuq dan il-punt. Biex tirribatti l-eċċezzjoni inkwistjoni, fil-kors tal-produzzjoni tax-xhieda, is-

Soċjeta' Attriċi presentat resoluzzjoni datata 3 ta' Jannar 2020 u ċioe' anteċedenti għar-rikors ġuramentat tat-13 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha Kevin Chircop ġie awtorizzat b'mod mill-aktar wiesgħa biex, fost oħrajn *"to act in any manner as may be necessary to protect the intersts of the Company in relation to the damages suffered as a result of the above mentioned incident"* ( Dok KV1 a' fol 107).

**5.** Irrisulta ukoll li għalkemm fuq id-dokument imsemmi hemm il-firma ta' waħda mid-diretturi Jongxin Gao. Fir-rejalta' dan qiegħed il-firma fuq dan id-dokument fid-29 ta' Ġunju 2020. Dan jemerġi minn email datata 29 ta' Ġunju 2020 (ara dok KV2 a' fol 108). Data li tiġi wara d-data ta' meta kien presentat ir-rikors ġuramentat.

**6.** Din il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-artikolu **146 tal-Kap 386** tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

"*1(1) Kull kumpanija għandha tibgħat lir-Reġistratur għar-*reġistrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi tagħha, *is-segretarju tagħha jew fir-rappreżentanza tal-kumpanija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien mal-isem u r-residenza jew l-isem, uffiċċju reġistrat u numru ta' reġistrazzjoni, skont il-każ, ta' kull direttur ġdid jew segretarju tal-kumpanija ġdid, fi żmien erbatax-il jum minn dik il-bidla:*

*Iżda r-Reġistratur jista', qabel ma jirreġistra l-prospett, jieħu dawk il-passi u jitlob dak it-tagħrif li jkun meħtieġ biex jiżgura l-korrettezza tal-*

*prospett u biex jistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu.*

*(2) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra".*

**7.** Minn eżami ta' dan l-artikolu, il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li dan mhux applikabbli għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Is-Soċjeta' Attriċi f'ebda ħin ma ħadet deċiżjonijiet biex isir xi tibdil fl-istruttura ta' rappresentanza tal-kumpanija. Ir-risoluzzjoni li għaddiet fit-3 ta' Jannar 2020 hija konformi ma' artiklu 11 tal-istatut fejn jingħad li *"In addition to the aforesaid, the Board may from time to time appoint any one or more Directors and / or any person or persons to represent the company for a specific case or cases or classes of cases."*

**8.** Mill-eċċezzjoni li qed tkun trattata f'din is-Sentenza, jemerġi li dak li qed ikun kontestat, mhux li kien hemm tibdil fil-komposizzjoni tad-diretturi jew l-uffiċjali jew dettalji oħra li jsemmi l-artikolu surreferit. Anzi, qegħdha tgħid li skont l-Istatut, il-Kumpanija f'dawn il-proċeduri hija malrappreżentata mhux għax kien hemm dan it-tibdil, iżda għaliex ma ġiex osservat dak li jipprovdi għalih speċifikament l-istatut tas-Soċjeta' Attriċi, kwistjoni li ser tkun trattata aktar 'l isfel f'din is-Sentenza parzjali. Għalhekk dan l-artikolu inkwistjoni ma għandu ebda rilevanza għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

**9.** Is-Soċjeta' Konvenuta tagħmel ukoll referenza għall-**artikolu 136 (A) tal-liġi** imsemmija. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, li dan jirrigwarda l-*buona fede* tad-Diretturi in kwantu l-mod ta' kif għandhom jaġixxu fl-interessi tal-Kumpanija. Di fatti, l-prinċipju li fuqu jistrieħ dan l-artikolu nsibuh fl-ewwel subartiklu tiegħu u cioe' li *"Direttur ta' kumpanija jkun marbut li jaġixxi b'onestà u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpanija".*

**10.** Għalhekk dan l-artikolu ma jindirizzax ir-relazzjoni ta' terzi mal-Kumpanija, iżda r-relazzjoni interna bejnha u d-diretturi tagħha u ovvjament finalment b'riflessjoni patrimonjali tas-soċi. Dan tant huwa minnu li s-soċi jistgħu, f'kull ħin, ineħħu d-diretturi mingħajr il-ħtieġa li joqogħdu jistennew laqgħa ġenerali annwali (ara **Principles of Maltese Company Law (Malta University Press – 2009) il-Prof. Andrew Muscat, paġni 392 – 399**).

**11.** Dan ifisser li jaġixxi kif jaġixxi direttur, anke jekk b'mod irregolari, ai fini ta' relazzjonijiet interni tas-Soċjeta', it-terz li ma jkunx in *male fede*, sakemm mhux f'konċertament mad-direttur fl-irregolarita', ma għandux għalfejn jibża'. Di fatti ġie deċiż mill-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-Kawża fl-ismijiet Borg vs Camilleri deċiża fis-7 ta' April, 1997**, in sostenn tal-prinċipju legali ingliż, li "*If the outsider is dealing with the company in good faith, he will be able to enforce any contract made by an agent on the company's behalf, if that agent was acting within his authority, irrispective of any internal or external irregularities in the company's machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, implied or*

*apparent, authority*." Konsegwentement dan ifisser ukoll, li **l-artikolu 147** tal-liġi imsemmija ma hux applikabbli għall-każ odjern. Dan jittratta dwar is-solidarjeta' bejn aktar minn direttur wieħed, meta jkunu naqsu minn dmirijiethom lejn il-Kumpanija u mhux lejn terzi li jkunu qed jittrattaw magħha.

**12.** Il-Qorti qrat ukoll dak li ssottomettiet is-Soċjeta' Konvenuta kwantu jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu **401(1) tal-liġi**. Il-Qorti rat ukoll l-**artikolu 2** tal-istatut tal-Kumpanija. Sa fejn jirrigwarda l-ewwel artikolu, b'referenza għad-dokumenti esebiti mis-Soċjeta' Attriċi u cioe' ir-risoluzzjoni tat-3 ta' Jannar 2020, ma jidhirx li din hija wieħed minn dawk id-dokumenti li kellu għalfejn ikun reġistrat skont l-artikolu tal-liġi inkwistjoni. Dan id-dokument kull ma jagħmel hu, li jawtorizza persuni jew persuni biex jidhru fuq att għan-nom jew fl-interess tal-Kumpanija, f'dan il-każ il-presentata tal-kawża. Ma jagħmel ebda differenza għat-terz jekk tali risoluzzjoni tkunx ġiet reġistrata jew le mar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

**13.** Kwantu għall-artikolu 2 tal-istatut, is-Soċjeta' Konvenuta tirraġuna b'dan il-mod "*Jinghad illi fil-jum li giet inatvolata l-Kawza odjerna, tali risoluzzjoni ma kienitx tikkontjeni il-firem tad-dirtetturi kollha u allura c-Chairman ma seta' qatt jipprocedi b'tali procedura quddiem din il-Qorti. Tali agir imur lil hinn mill-poteri konferuti mill-istatut huwa ikunsidrat bhala ultra vires* " (Ara pagna 6 tan-nota ta' osservazzjonijiet). Jingħad ukoll illi din ir-risoluzzjoni saret bi ksur ta' dan l-artikolu 2 għaliex skont l-istess artikolu r-

risoluzzjoni kellha tkun reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Kwantu għall-argument tal-ultra vires, dan japplika meta s-Soċjeta' tmur lil hinn mill-operazzjonijiet li jippermettulha l-*objects* statutorji. Alla ħares li jingħad li meta Kumpanija tistitwixxi kawza, il-fatt li tkun għamlet hekk, ma tkunx agixxiet intra vires.

**14.** Forsi jista' jingħad li dan l-artiklu tal-Istatut tal-Kumpanija seta' kien abbozzat b'mod aktar feliċi. Pero', dan l-aspett diġa' sar aċċenn għalih aktar 'l fuq minn din il-Qorti fir-rigward tal-artikolu 402(2). Fi kwalunkwe każ, kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel, dan huwa aspett li jirrigwarda lill-istrutturi interni tas-Soċjeta' Attriċi u mhux lis-Soċjeta' Konvenuta.

**15.** Ir-risoluzzjoni imsemmija ġiet iffirmata, mid-diretturi kollha ħlief għal Yongxin Gao, fit-3 ta' Jannar 2020, u cioe' qabel ma saret il-Kawża. Barra minn hekk għalkemm id-direttur Gao iffirmat f'data differenti meta kienet diġa' bdiet miexja l-Kawża, dan ma jfissirx li jimporta fil-liġi dak li qed tippretendi s-Soċjeta' Konvenuta u dan għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija.

**16.** Huwa minnu, li meta r-rappresentanza fattwali tikkuntrasta mal-provvedimenti tal-istatut tas-Soċjeta` jew mal-liġi, huwa dritt tat-terz interessat li jitlob konferma tal-mandat tal-parti li tkun qed tirrapresenta s-Soċjeta'. Biss, meta ċ-ċirkostanzi jkunu tali li jinduċu f'dak li jkun il-konvinċiment morali u legali li s-Soċjeta` qed takkonsentixxi għal dak li sar kwalunkwe nuqqas tekniku tad-diretturi, t-terz ma għandux għalfejn jibża' li

ser ikun preġudikat. Fi ftit kliem, anke jekk għall-grazzja tal-argument fil-mument ir-risoluzzjoni ma kienitx iffirmata minn Gao, il-fatt li li qiegħdet il-firma tagħha wara żgur li l-Kumpanija ġiet akkonsentita.

**17.** Din il-problema giet trattata fil-kapitolu **"Protection of outsiders" fil-pubblikazzjoni ta' Charlesworth & Cain – Company Law (12th Ed. 1983)**. F'din il-pubblikazzjoni issir referenza għall-kawza **"Royal British Bank v Turquand"** li f'dan il-kapitolu l-awtur jiddiskuti l-prinċipju li ġie enunċjat fis-sentenza imsemmija u jgħid hekk: "*The so called rule in Royal British Bank v Turquand may protect a person dealing with a company (an "outsider") where there is some irregularity in its internal management, e.g. where the board of directors contract with him on behalf of the company without authority......" "A person dealing with a company, even if he does not have actual notice, has constructive notice of the contents of its public documents, such as the memorandum and articles, special resolutions, register of changes and, presumably list of directors, because they are open to public inspection at the Companies Registration Office, but where the persons entitled to manage its affairs do so in a manner apparently consistent with such documents, then, ...... he is not effected by an internal irregularity, e.g. the lack of an ordinary resolution required by the articles as authority for the directors to enter into the transaction. The maxim* ***omnia presumuntur rite esse acta*** *(all things are presumed to have been done rightly) applies.*" Minħabba f'hekk l-awtur jikkonkludi li "the doctrine of constructive notice of the contents of such documents is qualified by the

rule in Turquand's case." (**ara ukoll Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Borg vs Camilleri" deċiża fis-7 ta' April, 1997**).

**18.** It-terz ma għandu jkun qatt vittma ta' nuqqas ta' ħarsien tal-istrutturi interni ta' Kumpanija, pero' minn naħa l-oħra lanqas ma jista' jieħu vantaġġ minn xi nuqqas li jirrigwarda biss ir-relazzjonijiet interni bejn il-partijiet fil-Kumpanija. Dawn in-nuqqasijiet semmai, jirrispondu għalihom min ikun wettaqhom di fronte tal-Kumpanija, tad-diretturi u f'ċirkostanzi partikulari tas-soċji nnifishom, li fis-sewwa huma l-"final beneficiaries".

**19.** L-insenjament tal-Qrati Ingliżi ġie abbraċjat mill-Qrati tagħna u ċioe' li f'sitwazzjonijiet simili n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-Istatut ta' Soċjeta` Kummerċjali, inkwantu jirrigwarda proċeduri istitwiti kontra t-terz, ma jistgħux jitqanqlu mit-terz, peress li din hija kwistjoni li tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet interni ta' dik is-Soċjeta`. F'dan ir-rigward issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Borg noe -vs- Accountant General, deċiża mill-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1993** fejn fost oħrajn dik il-Qorti spjegat li "*Jekk persuna ghandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lisSocjeta` u lis-soci u mhux lil terzi*".

**20.** Għalhekk fid-dawl tar-raġunament fuq imsemmi jfisser ukoll li ma tibqax problema proċedurali fir-rigward kemm tal-artikoli 181A u 789(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta **(ara Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili fl-ismijiet Charms Ltd -vs- Wayne Chetcuti et tas-7 ta' Lulju 2017**).

**21.** Dan ifisser li l-Qorti, wara li qieset il-fatti kollha u punti ta' liġi involuti fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta, ser tkun qed tiċħadha.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħda tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-Kawża.

Bl-ispejjes tal-istanti għas-Soċjeta' Konvenuta .

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**